MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Numru. 336/2007

PULIZIJA
SPETTUR DANIEL ZAMMIT
VS
ANTHONY PULO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Pulo, bin Stephen u Antoinette nee’ Saliba, imwieled gewwa Melbourne, Australia, nhar it-8 ta’ Jannar 1989, u residenti gewwa 108, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru K1924287, u akkuzat talli fit-8 ta’ Novembru 2006, u fix-xhur ta’ qabel, gewwa Birkirkara u gewwa dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-Ligi, jew bili ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qliegh ghad-dannu ta’ persuni differenti.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' persuni differenti.

U fl-ahhar nett, talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 6).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu taht 'probation' ghal perjodu ta' sitt xhur, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre, din il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus esebiti fil-process, esebiti bhala dokument DZ2.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt illi l-qliegh li ghamel l-imputat meta hareg jigbor il-flus u jittallab ghal karita' b'qerq kien biss ta' hames liri Maltin (LM5.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------